**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1011U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-15 ta' Novembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1011U22ABCDEF will be received up to noon on Thursday, 17th November, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

15th November, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1111U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-15 ta' Novembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1111U22ABCDEF will be received up to noon on Friday, 18th November, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

15th November, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1411U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-15 ta' Novembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1411U22ABCDEF will be received up to noon on Monday, 21st November, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

15th November, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1511U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 22 ta' Novembru, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-15 ta' Novembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1511U22ABCDEF will be received up to noon on Tuesday, 22nd November, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

15th November, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1611U22ABCDEF jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 23 ta' Novembru, 2022.**

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-15 ta' Novembru, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1611U22ABCDEF will be received up to noon on Wednesday, 23rd November, 2022.**

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

15th November, 2022

## AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2097

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Novembru, 2022, u dan wara Rikors b'numru 985/2022, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Alexandra Jane Dunhill Turner fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet neċessarji biex ikun jidher li l-isem ta' Alexandra Jane Dunhill Turner jiġi mniżżel bħala 'Alexandra Jane' u mhux 'Sandra Jane'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022

AV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjonit tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th November, 2022, and upon an application numbered 985/2022, ordered:

The Director of the Public Registry so that when he comes to register the Act of Birth of Alexandra Jane Dunhill Turner in the Malta Public Registry, he makes the necessary corrections or annotations so that it appears that the name of Alexandra Jane Dunhill Turner is 'Alexandra Jane' and not 'Sandra Jane'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Thursday, 10th November, 2022

ADV. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2098

B'digriet tat-28 ta' Lulju, 2022, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Settembru, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 9 ta' Frar, 2023, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell

By a decree given on the 28th July, 2022, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th September, 2022, after the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 9th February, 2023, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts

-1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse internament immarkata numru ħamsa (5), fit-tielet sular, bl-arja tagħha, bid-dritt ta' aċċess mill-partijiet komuni, sovrastanti appartamenti oħrajn u formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem Fair Winds, ġja jew drabi oħra indikat bħala Castagna House, fi Triq l-Iskal, Marsaskala. Il-bejt u l-arja huma suġġetti għad-dritt ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma, aerial tat-televixin u air conditioner unit tal-maisonette bl-isem Mandy Castagna House, kif ukoll suġġett għall-installar u manutenzjoni ta' solar water heater/panel, tliet air conditioning units, tank tal-ilma, satellite dish u aerial tal-appartament sottostanti, konfinanti fuq il-Punent mat-triq imsemmija, mat-Tramuntana u mil-Lvant mas-suċċessuri fit-titolu ta' Maximilian u Mary konjuġi Castagna. Il-penthouse hija eżentata mill-ħlas ta' kwalunkwe ċens u subċens, libera u franka u bil-pertinenzi kollha tagħha, bis-servitudnijiet passivi riżultanti mil-lokazzjoni tagħha, u dan kif aħjar deskritt fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu, elfejn u disgħa (2009), u stmat li tiswa' tliet mija u erbgħin elf ewro (€340,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mallinowski Steffen (KI 21795A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 30/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The penthouse internally marked number five (5), on the third floor level, with its airspace, with the right of access from the common areas, overlying other apartments and forming part of a block of apartments named Fair Winds, previously or other times indicated as Castagna House, in Triq l-Iskal, Marsaskala. The roof and the airspace are subject to the right of installation and maintenance of a water tank, television aerial and air conditioner unit of the maisonette named Mandy Castagna House, as well as subject to the installation and maintenance of a solar water heater/panel, three air conditioning units, one water tank, satellite dish and aerial of the underlying apartment, bounded West by the said street, North and East with the successors in title of Maximilian and Mary spouses Castagna. The penthouse is exempted from any payments of any ground rent and sub ground rent, free and unencumbered and with all its appurtenances, with the passive servitudes resulting from its location, as better described in the acts Notary Ruben Casingena dated twenty fifth (25) August, two thousand and nine (2009), and is valued at three hundred and forty thousand euro (€340,000).

The said tenement is the property of Mallinowski Steffen (ID 21795A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 30/2021.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 10th November, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2099

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Settembru, 2022, fl-atti Mandat ta' Inibizzjoni numru 1186/2022/1LM, li ġie ppreżentat fid-9 ta' Settembru, 2022, fl-ismijiet: Micallef Carmel vs Charter Properties Ltd ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimati milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ imsemmija.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Novembru, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Charter Properties Ltd, 1 Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 23rd September, 2022, in the acts of Warrant of Prohibitory Injunction number1186/2022/1LM, which was presented on 9th September 2022, in the names: Micallef Carmel vs Charter Properties Ltd the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Accordingly, the exponent humbly asks this Honorable Court to order the issuance of a Warrant of Prohibitory Injunction in order to prevent the respondents from continuing to do the said things.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is postponed to 16th November, 2022, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Charter Properties Ltd, 1 Lara Buildings, Office 3, Triq Ġuzeppi Calleja, Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta’ Novembru, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 14th November, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2100

B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fis-06 ta’ Ottubru, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 702/2021AJD, li ġie ppreżentat fl-20 ta’ Lulju, 2021, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxi vs Fast Track Diagnostics Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta’ notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Għaldaqstant, l-esponent, skont il-poteri mogħtija lilu ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha, fl-ewwel lok, tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness ma’ dan ir-rikors bħala kopja uffiċjali tagħha biex b’hekk l-istess dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv, u fit-tieni lok tordna li kopja ta’ dan ir-rikors u tad-dokument miegħu anness jiġu notifikat lis-soċjetà intimata skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, bħallikieku dan ir-rikors u dan id-dokument kienu att ġudizzjarju.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta’ Novembru, 2022, fid-9.25a.m.

Notifika Intimat: Fast Track Diagnostics Ltd, Seaview No. 2, Qui-Si-Sana Seafront, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta’ Novembru, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With a decree issued by the Civil Court, First Hall, on 6th October, 2022, in the acts of Sworn Applicaton number 702/2021AJD, which was presented on 20th July, 2021, in the names: Commissioner for Revenue vs Fast Track Diagnostics Ltd, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: To order the registration of the document attached to this application as its official copy so that the same document constitutes an executive title, and secondly it orders that a copy of this application and the document attached to it be served on the respondent society in accordance with the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta, as if this application and this document were a judicial act.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned to 17th November, 2022, at 9.25 a.m.

Notification Respondent: Fast Track Diagnostics Ltd, Seaview No. 2, Qui-Si-Sana Seafront, Tas-Sliema

Register of the Superior Courts, today 14th November, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2101

B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla, fl-20 ta’ Ottubru, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 870/2022JVC, li ġie ppreżentat fis-26 ta’ Settembru, 2022, fl-ismijiet Grech Gioacchino sive Jack et vs Buhagiar Raymond et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta’ notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw mill-fond 35, Triq Barbara, Il-Ħamrun, u jirritornaw iċ-ċwievet ta’ dan il-fond battal u bil-pussess liberu. Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall on 20th October, 2022, in the acts of Sworn Application number 870/2022JVC, which was presented on 26th September, 2022, in the names: Grech Gioacchino sive Jack et vs Buhagiar Raymond et the following pubblication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order the respondents to evict in a short and peremptory period from premises 35, Triq Barbara, Ħamrun, and to return the keys of this vacant premises. With costs and interest and the respondents who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Novembru, 2022, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Buhagiar Raymond, 35, Triq Barbara, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Novembru, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 17th November, 2022, at 10.00 a.m.

Notification Respondent: Buhagiar Raymond, 35, Triq Barbara, Ħamrun

Register of the Superior Courts, today 14th November, 2022

CARMEL ABELA, M. SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2102

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Marisa Sammut vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru, Rikors numru 348/2022JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Timothy Oyinperemobode Tonwuru a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Marisa Sammut (KI 0434368M) vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru (KI 0026004A), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti Marisa Sammut talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha, ċjoè Sammut;

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rikorrenti: 3, Valley Road, Birkirkara

Notifika: Ent. 2, Flat 5, Binja Arbuni, Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Baħar

Ir-rikors fl-ismijiet Marisa Sammut vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru, Rikors numru 348/2022JPG, jinsab differit għall-21 ta' Novembru, 2022, fil-11.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 14 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 24th October, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Marisa Sammut vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru, Application number 348/2022JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Timothy Oyinperemobode Tonwuru in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Marisa Sammut (ID 0434368M) vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru (ID 0026004A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd June, 2022, the applicant Marisa Sammut requested this Honourable Court to:

1. Declare the dissolution of the marriage between the parties;

2. Authorise the applicant to revert to her maiden surname that is Sammut;

3. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed by this Court informs the Director Public Registry with the dissolution of marriage of the parties so that it is duly registered in the Public Registry.

Applicant: 3, Valley Road, Birkirkara

Notification: Ent. 2, Flat 5, Binja Arbuni, Triq Jean De La Cassiere, St Paul's Bay

The Application in the names Marisa Sammut vs Timothy Oyinperemobode Tonwuru, Application number 348/2022JPG has been postponed for hearing to the 21st November, 2022, at 11.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 14th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2103

B’digriet tal-24 ta’ Ottubru, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta’ notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b’rikors ippreżentat minn Joseph Spiteri (KI 347571M) fid-29 ta’ Marzu, 2022, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta’ tlett elef, sitt mija, sebgħa u sittin ewro (€3667.00) depożitati b’ċedola ta’ depożitu numru 870/17 fl-ismijiet:

Anthony Grech (KI 522173M) vs Joseph Spiteri (KI 347571M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b’sebat (7) ijiem żmien min-notifika għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 10 ta’ Novembru, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 24th October, 2022, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Joseph Spiteri (ID 347571M) on the 29th March, 2022, is asking for the withdrawal of the amount of three thousand, six hundred and sixty seven euro (€3667.00) deposited by the Schedule of Deposit number 870/17 in the names of:

Anthony Grech (ID 522173M) vs Joseph Spiteri (ID 347571M)

The Court ordered the notification of this application to the counter parties with seven (7) days for filing a reply from date of notification.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 10th November, 2022

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2104

Permezz ta’ digriet mogħti fit-8 ta’ April, 2022, fl-atti tal-protest numru 98/2022 , fl-ismijiet Efrem Avallone vs La Palma Imports Ltd et, il-Prim’Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta’ notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimati Neville Spiteri u La Palma Imports Ltd.

Fil-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 3 ta’ Marzu, 2022

Protest Ġudizzjarju numru 98/2022

Efrem Avallone

vs

1. La Palma Imports Ltd (C20394)
2. Neville Spiteri (KI 228369M)
3. In-Nutar Dott. Robert John Muscat

Protest ġudizzjarju ta’ Efrem Avallone (KI 36183M) jesponi bir-rispett:

Illi permezz ta’ kuntratt in atti tal-protestat in-Nutar Dott. Robert John Muscat, datat 27 ta’ April, 2006, l-esponenti

By means of a decree of the 8th April, 2022, in the records of the judicial protest number 98/2022 in the names Efrem Avallone vs La Palma Imports Ltd et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondents La Palma Imports Ltd and Neville Spiteri.

In the First Hall of the Civil Court

Today 3rd March, 2022

Judicial protest 98/2022

Efrem Avallone

vs

1. La Palma Imports Ltd (C20394)
2. Neville Spiteri (ID 228369M)
3. Notary Doctor Robert John Muscat

Judicial Protest of Efrem Avallone (ID 36183M) requests with respect:

That through a contract in the records of the respondent Notary Doctor Robert John Muscat, dated 27th April, 2006,

akkwista l-appartament internament immarkat bin-numru 3, fl-ewwel sular fi blokka mibnija fuq plots 281 u 282, Main Street, Ħal Balzan, flimkien ma' garaxx internament immarkat bin-numru 3, mingħand is-soċjetà protestata La Palma Imports Ltd;

Illi s-soċjetà protestata La Palma Imports Ltd, kif debitament rappreżentata mill-protestat Neville Spiteri iggarantiet li l-fond hawn fuq imsemmi kien "(ii) free of any type of litigation, expropriation and/or requisition; and (iii) are not subject to any real and/or personal rights in favour of third parties, including debts, hypothecs and/or privileges";

Illi dan il-kuntratt ġie reġistrat, u t-taxxa debitament imħallsa, skont il-liġi;

Illi f'Marzu tal-2012, l-esponenti ġie notifikat b'kawża fl-ismijiet Carmel Sant vs Efrem Avallone (Cit. 943/11JA) li permezz tagħha l-attur Carmel Sant qiegħed jallega li huwa akkwista l-istess fond hawn fuq imsemmi permezz ta' proċeduri bis-subasta bin-numru 43/05 wara li ġie kanonizzat kreditur tas-soċjetà protestata La Palma Imports Ltd u liema fond ġie liberat favur tiegħu fil-21 ta' Ottubru, 2008;

Illi jirriżulta li l-kreditu vantat minn dan Carmel Sant jirrisali għal sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' April, 2005, u pproċeda bil-bejgħ in subasta tal-fond hawn fuq imsemmi permezz ta' rikors intavolat fl-10 ta' Mejju, 2005, li għalhekk jiġi kważi sena qabel ma l-esponenti akkwista l-fond de quo, kif hawn fuq indikat;

Illi għalhekk jirriżulta in primis li hemm ksur tal-garanzija tal-paċifiku pussess daparti tas-soċjetà protestata La Palma Imports Limited stante li hija kienet taf bil-proċeduri mibdija kontra tagħha minn dan Carmel Sant, bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u bil-proċeduri in subasta li l-fond de quo kien suġġett tagħhom u għaldaqstant innegozjat in mala fede mal-esponenti;

Illi di konsegwenza, il-protestat Neville Spiteri, bħala direttur tas-soċjetà protestat u komparenti fuq il-kuntratt hawn fuq imsemmi, iddikjara l-falz u qarraq bl-esponenti meta ddikjara għan-nom tas-soċjetà protestata li l-fond de quo kien jinsab liberu minn litigazzjoni u pretensjonijiet ta' terzi;

Illi inoltre jirriżulta li l-istess Carmel Sant kien intavola Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-soċjetà protestata La Palma Imports Ltd (li jġib in-numru 33/05) permezz ta' liema Mandat ġie inibit it-trasferiment tal-fond de quo – dan ġie intavolat fit-23 ta' Frar, 2005, u finalment milqugħ fl-4 ta' Marzu, 2005;

the applicant acquired the apartment internally marked with number 3, on the first floor in a block built on plots 281 and 282, Main Street, Ħal Balzan, together with a garage internally marked with number 3 from the other respondent Company, La Palma Imports Ltd;

That the respondent company La Palma Imports Ltd, as duly represented by the respondent Neville Spiteri guaranteed that the above mentioned premises were "(ii) free of any type of litigation, expropriation and/or requisition; and (iii) are not subject to any real and/or personal rights in favour of third parties, including debts, hypothecs and/or privileges";

That this contract has been registered and the tax duly paid, according to law;

That in March 2012, the applicant was notified of a case in the names Carmel Sant vs Efrem Avallone (App. No. 943/11JA) through which the plaintiff Carmel Sant alleged that he acquired the same premises above mentioned through judicial sale by auction with number 43/05 after he was declared creditor of the respondent company La Palma Imports Ltd and which premises were released in his favour on the 21st October, 2008;

That it results that the debt claimed by this Carmel Sant goes back to a judgement of this Honourable Court of the 13th April, 2005, and he proceeded with the judicial sale by auction of the above mentioned property through an application filed on the 10th May, 2005, which therefore is over almost a year before the applicant acquired the premises de quo, as indicated above;

That it firstly therefore results in primis that there is a breach of the guarantee of the peaceful possession on the part of the respondent company La Palma Imports Limited since it was aware of the proceedings initiated against it by this Carmel Sant, with the judgement of our Honourable Court and with the procedures of the judicial sale that the premises de quo were subject to and therefore negotiated in bad faith with the applicant;

As a consequence, the respondent Neville Spiteri as director of the respondent company and being the one who appeared on the contract mentioned above, made a false statement and deceived the applicant when he declared on behalf of the respondent company that the premises de quo were free from litigation and third party claims;

Furthermore it results that the same Carmel Sant had filed a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent company La Palma Imports Ltd (holding number 33/05) through which Warrant he was prohibited from transferring the premises – and this was filed on the 23rd February, 2005, and finally accepted on the 4th March, 2005;

Illi l-protestat in-Nutar Robert John Muscat, li kellu r-responsabbiltà għar-riċerki fl-attiv u l-passiv tas-soċjetà protestata, kien jaf, jew messu kien jaf, sija bil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi, kif ukoll dawr il-fatt li kien ġie intavolat rikors għas-subasta għall-bejgħ bl-irkant tal-fond de quo, u kellu r-responsabbiltà professjonali li jinforma lill-esponenti b'dan kollu u jispjegalu t-tifsira tagħhom sabiex ikun f'qagħda li jirregola ruħu adegwatament;

Illi permezz tal-kawża hawn fuq imsemmija miġjuba kontra tiegħu, l-esponenti qiegħed jirriskja li, f'każ ta' eżitu negattiv għalih mhux biss jiġi żgumbrat mill-fond hawn fuq imsemmi, imma li jkollu jħallas kumpens lil dan Carmel Sant, u dan wara li l-esponenti, indott bl-ingann u/jew negliġenza daparti tal-protestati jew min minnhom, ħallas debitament lis-soċjetà protestata l-prezz miftiehem għall-bejgħ tal-fond de quo, ħallas it-taxxi kollha skont il-liġi, u ħallas id-dritt professjonali li ppreżentalu n-Nutar protestat, u dan biss minħabba l-aġir abbużiv, illegali, frawdolenti u/jew negliġenti daparti tal-protestati jew min minnhom;

Illi huwa nnegabbli illi mingħajr preġudizzju għal fondatezza o meno tal-pretenzjonijiet ta' Carmel Sant fuq imsemmija – l-atti u ommissjonijiet tal-protestat fl-istadju kollha li ppreċedew l-pubblikazzjoni tal-kuntratt datat 27th ta' April, 2006, fl-atti tan-Nutar protestat, esponew lill-protestanti għal danni u preġudizzju li huma serju daqs li huma potenzjalment ingunti;

Illi in vista tal-premess, l-esponenti qiegħed iżomm il-protestati responsabbli għad-danni, filwaqt li jirriżerva d-drittijiet tiegħu għal kull azzjoni spettanti lilu skont il-liġi fil-konfront tagħhom.

Għaldaqstant, l-esponenti, filwaqt illi jġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestati, jqegħidkom minn issa f'dolo, mora u culpa, pjenament resonsabbli għad-danni kollha sofferti mill-protestanti kif fuq imsemmi, għal kull tenur u effett tal-liġi.

Bl-ispejjeż

Protestant: 45, Il-Ħolma, Triq il-Merill, Il-Mosta

Protestati:
1. La Palma Imports Ltd, Tas-Saliba, Il-Mellieħa
2. Neville Spiteri, Spring, Tas-Saliba, Il-Mellieħa
3. In-Nutar Robert John Muscat

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That the respondent Notary Robert John Muscat, who had the responsibility to carry out the searches into the assets and liabilities of the respondent company, knew, or should have known, about the issuance of the aforementioned Warrant of Prohibitory Injunction, as well as regarding to the fact that an application had been filed for the judicial sale by auction of the premises de quo, and had the professional responsibility to inform the applicant of all this and explain their meaning to him so that he will be in a position to regulate himself adequately;

That through the aforementioned cause brought against him, the applicant is risking that, in case of a negative outcome against him, not only will he be evicted from the aforementioned premises, but he will have to pay compensation to this Carmel Sant, and this after the applicant was led, through fraud and/or negligence on the part of the respondents or any one of them, to duly pay the price as agreed for the sale of the premises de quo, to pay all the taxes according to law, and to pay the Professional fee presented to him by the respondent Notary, and this only because of the abusive, illegal, fraudulent and/or negligent behaviour on the part of the respondents or any one of them;

That it is undeniable that without prejudice to the validity or otherwise of the claims of Carmel Sant mentioned above – the acts and omissions of the respondents at all the stages that preceded the publication of the contract dated 27th April, 2006, in the records of the respondent Notary, exposed the applicant to damages and prejudice that is serious so much so that they are potentially summoned;

That in view of the above, the applicant is holding the respondents responsible for the damages, whilst reserving his rights to any action available to him according to the law against them.

Therefore, the applicant, while bringing the above to the formal knowledge of the respondents, puts them in dolo, mora u culpa and fully responsible for all the damages suffered by the applicant as mentioned above, in terms and effects of law.

With costs

Applicant: : 45, Il-Ħolma, Triq il-Merill, Mosta

Respondents notification:
4. La Palma Imports Ltd, Triq Tas-Saliba, Mellieħa
5. Neville Spiteri, Spring, Tas-Saliba, Mellieħa
6. Notary Robert John Muscat

Registry of the Superior Courts, today 11th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2105

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-24 ta' Ottubru, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 684/2016 fl-ismijiet Jeffrey Farrugia (KI 559685M) vs Melvyn Mifsud (KI 605761M) ordnat fil-konfront tal-imsemmi Melvyn Mifsud is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-appell ta' Jeffrey Farrugia (KI 559685M) ippreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2022, l-appellant qed jinterponi appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet premessi fejn iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba; laqgħet it-tielet talba, bl-imgħax mid-data tal-intavolar tal-kawża; ċaħdet ir-raba', il-ħames u s-sitt talba, bl-ispejjeż jitħallsu kwantu għal terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenut

Illi l-appellant ħassu aggravat mis-sentenza hawn fuq imsemmija u minnha qed jinterponi dan l-umli appell fejn l-ewwel aggravju tiegħu jikkonsisti b'mod ċar u manifest f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċahdet it-talba attriċi għad-danni, u mingħajr preġudizzju għal dan l-aggravju l-appellant ressaq it-tieni aggravju li wkoll huwa ċar u manifest inkwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta qieset li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali kienet impossibbli.

Għaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jirreferi għall-atti proċesswali u jirriżerva li jagħmel sottomissjonijiet u jressaq provi ulterjuri jekk ikun il-każ, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' wieħed mill-aggravji tiegħu u konsegwentement tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Mejju, 2022, billi:

a) F'każ li jidhrilha li għandha tilqa' l-ewwel aggravju tal-attur appellant, tikkonfermaha inkwantu laqgħet it-tielet talba attriċi, u mingħajr preġudizzju għat-tielet talba (c) hawn isfel, tirrevokaha u tħassarħa għall-bqija u minflok tilqa' r-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talba attriċi;

b) Alternattivament, f'każ li jidhrilha li għandha tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant, mingħajr preġudizzju għat-tielet talba (c) hawn isfel, tirrevokaha u tħassarha inkwantu laqgħet it-tielet talba u ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba attriċi, u minflok tilqa' l-ewwel u t-tieni u s-seba' talba attriċi; u

c) F'kull każ, tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-ewwel tlettax-il eċċezzjoni tal-konvenut, u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, tiċħad ukoll l-aħħar eċċezzjoni tal-

By means a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on 24th October, 2022, in the records of Appeal Application No. 684/2016 in the names Jeffrey Farrugia (ID 559685M) vs. Melvyn Mifsud (ID 605761M) ordered in regard of the said Melvyn Mifsud the following publication in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Appeal Application by Jeffrey Farrugia (KI 559685M) filed on 20th June, 2022, the appellant is interposing an appeal from a sentence delivered on 19th May, 2022, by the First Hall of the Civil Court in the aforementioned names where it decided the case by dismissing the first and second claims; upholding the third claim, with interest from the date of the filing of the case; dismissing the fourth, fifth and sixth claims, with the costs to be paid as to one-third by the plaintiff and two-thirds by the defendant.

Whereas the appellant felt aggrieved by the sentence mentioned above and from which he is hereby interposing this humble appeal wherein his first ground of appeal consists, in a clear and manifest manner, that the First Honourable Court made a wrong application of the law when it rejected the plaintiff's claim for damages, and without prejudice to this ground of appeal the appellant puts forward a second ground which is also clear and manifest in that the First Honourable Court made a wrong application of the law when it considered that the publication of the final contract was impossible.

Therefore, the exponent, while referring to the procedural acts and reserving the right to make submissions and adduce further evidence if the case so warrants, asks this Honourable Court to accept one of his grounds of appeal and consequently reform the sentence in the aforementioned names given by the First Hall of the Civil Court on 19th May, 2022, by:

a) In case that it considers that it should uphold the first ground of appeal by the appellant, confirm it inasmuch as it upholds the third plaintiff's claim, and without prejudice to the third claim (c) below, revoke it and annull the rest of it and instead uphold the fourth, fifth, sixth and seventh plaintiff's claim;

b) Alternatively, in case the court considers that it should accept the appellant's second ground of appeal, without prejudice to the third claim (c) below, it revokes it and annulls it insofar as it upheld the third claim and dismissed the first and the second plaintiff's claim, and instead upholds the first and the second and the seventh plaintiff's claims; and

c) In any case, it confirms inasmuch as it dismissed the first thirteen pleas by the defendant, and without prejudice to the previous claims, also dismisses the last plea by the

konvenut. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat

Notifika: i Melvyn Mifsud, 52, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), illum 11 ta' Novembru, 2022

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

defendant. With the costs of the two instances against the respondent defendant.

Notification: i) Melvyn Mifsud, 52, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 11th November, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2106

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Marica Barbara pro et noe vs David Grima, Rikors numru 190/2022JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat David Grima a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' ġuramentat numru 190/2022 JPG fl-ismijiet Marica Barbara (KI 92681M) f'isimha u bħala kuratriċi tal-minuri … omissis … vs David Grima (KI 366078M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fid-19 ta' Ottubru, 2022, ir-rikorrenti Marica Barbara (KI 92681M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri … omissis … f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi l-minuri tkompli tirrisjedi magħha u d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċjoè dawk ta' edukazzjoni, saħħa u deċiżjonijet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittieħdu esklussivament waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri u dan sakemm l-istess tagħlaq tmintax-il sena jekk tiddeċiedi li tieqaf mill-istudji tagħha u tibda taħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin sena jekk tiddeċiedi li tkompli bl-istudji tagħha fuq bażi full-time b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u dan flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari tal-istess minuri;

3. Tillikwida jekk ikun il-każ bl-opera ta' periti nominadi, ammont ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-intimat lill-attriċi bħala arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari għall-minuri … omissis … mid-data tat-twelid tal-istess minuri sad-9 ta' Frar, 2022, u ċjoè sakem il-konvenut beda jmantni lil bintu wara d-digriet mogħti mill-Qorti;

By means of a decree of the 31st October, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Marica Barbara noe vs David Grima, Application number 190/2022JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent David Grima in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a sworn application in the names Marica Barbara (ID 92681M) in her own name and as curator of the minor … omissis … vs David Grima (ID 366078M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 25th August, 2022, the applicant Marica Barbara (ID 92681M) requested this Honourable Court to:

1. Entrust the care, custody and tutorship of the minor … omissis … with the applicant, given that the minor continues to reside with her and all the decisions regarding the minor, both those of ordinary nature as well as those of an extraordinary nature and that is those of education, health and decisions about the issuance of a passport, are taken exclusively by her, without the néed of the respondent's signature;

2. Liquidate and fix maintenance for the minor and this until she becomes eighteen years of age if she decides to stop her studies and start working on a full time basis or up to twenty three years of age if she decides to continue with her studies on a full time basis, with all those payments modalities, including a provision for the periodic increase to make up for the increase of the cost of living and this together with half the costs of health, education and extra-curriculum activities of the same minor;

3. Liquidate, as the case may be with the assistance of nominated architects, an amount of maintenance that should be payable by the respondent to the plaintiff as arrears of maintenance and costs of health, education and extra-curricular activities for minor … omissis … from the date of birth of the same minor until 9th February, 2022, and until the defendant started maintaining his daughter after the decree given by the Court;

4. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma ta' manteniment u arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstr kurriklari, hekk likwidati fit-talbiet preċedenti;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri … omissis … u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

Attrici: Marica Barbara, 6, Triq Dun Mikiel Cassar, Iż-Żejtun

Konvenut notifika: David Grima, 17, Ninu, Triq il-Madonna tal-Ġebel, Il-Gżira

Ir-rikors fl-ismijiet Marica Barbara noe vs David Grima, Rikors numru 190/2022JPG, jinsab differita għall-24 ta' Novembru, 2022, fil-11.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Order and condemn the respondent to pay the plaintiff that sum of maintenance and arrears of maintenance and costs of health, education and extra-curricular activities, thus liquidated in the previous claims;

5. Give all those appropriate and opportune provisions concerning the minor … omissis … and this under any appropriate and opportune provision that this Honourable Court pleases to give.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: Marica Barbara, 6, Triq Dun Mikiel Cassar, Żejtun

Respondent notification: David Grima, 17, Ninu, Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira

The Application in the names Marica Barbara pro et noe vs David Grima, Application number 190/2022JPG, has been postponed for hearing to the 24th November, 2022, at 11.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th November, 2022

